



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Marzu 2018  
(OR. en)

6533/18

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0034 (NLE)

---

RECH 84  
MED 5  
AGRI 104  
MIGR 28  
RELEX 165  
MA 4

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-żona tal-Mediterran (PRIMA)

---

FTEHIM  
GĦAL KOOPERAZZJONI XJENTIFIKA U TEKNOLOĠIKA  
BEJN L-UNJONI EWROPEA  
U R-RENJU TAL-MAROKK  
LI JISTABILIXXI T-TERMINI U L-KONDIZZJONIJIET  
GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAR-RENJU TAL-MAROKK  
FIS-SĦUBIJA FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI  
FIŻ-ŻONA TAL-MEDITERRAN (PRIMA)



L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Unjoni”,

minn naħa waħda,

u

R-RENJU TAL-MAROKK, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Marokk”,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin “il-Partijiet”,

BILLI l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra<sup>1</sup>, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000, jipprevedi kooperazzjoni xjentifika, teknika u teknoloġika;

BILLI l-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Marzu 2015, jstabilixxi qafas formali għall-kooperazzjoni tal-Partijiet fir-riċerka xjentifika u teknoloġika;

---

<sup>1</sup> ĠU UE L 70, 18.3.2000, p. 2.

BILLI l-proċess li wassal għall-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran ("PRIMA") beda fl-2012 permezz tal-Konferenza Ewro-Mediterranja dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni li saret f'Barċellona, li matulha l-parteċipanti qablu li jniedu sħubija mgħedda fir-riċerka u fl-innovazzjoni bbażata fuq il-prinċipji tas-sjieda konġunta, tal-interess reċiproku u tal-benefiċċju kondiviż;

BILLI l-Marokk kien qed ikollu rwol attiv f'dan il-proċess u permezz ta' ittra tas-26 ta' Settembru 2014 esprima formalment l-impenn finanzjarju tiegħu b'rabta ma' PRIMA;

BILLI, f'Diċembru 2014, għadd ta' Stati Membri u pajjiżi terzi, fosthom il-Marokk, ressqu proposta lill-Kummissjoni Ewropea għal "programm konġunt ta' PRIMA";

BILLI d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> tirregola t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni u tal-pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ("Orizzont 2020") li huma Stati Parteċipanti tal-inizjattiva, b'mod partikolari l-obbligi finanzjarji tagħhom u l-parteċipazzjoni fl-istrutturi regolatorji tal-inizjattiva;

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1).

BILLI, f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, il-Marokk isir Stat Parteċipant fi PRIMA, soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jstabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tiegħu fi PRIMA;

BILLI l-Marokk esprima x-xewqa tiegħu li jissieħeb fi PRIMA bħala Stat Parteċipant u fl-istess livell tal-Istati Membri tal-Unjoni u tal-pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020 li jipparteċipaw fi PRIMA;

BILLI huwa meħtieġ ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-Marokk biex jiġu rregolati d-drittijiet u l-obbligi tal-Marokk bħala Stat Parteċipant fi PRIMA,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

## ARTIKOLU 1

### L-Iskop

L-iskop ta' dan il-Ftehim huwa li jiġu stabbiliti t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran ('PRIMA').

## ARTIKOLU 2

### Termini u kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fi PRIMA

It-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fi PRIMA għandhom ikunu daww stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324. Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u jieħdu miżuri xierqa, b'mod partikolari billi jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u tal-Artikolu 11(3) u (4) ta' dik id-Deċiżjoni. L-arranġamenti dettaljati għall-assistenza għandhom jiġu miftiehma bejn il-Partijiet, peress li dawn l-arranġamenti huma essenzjali għall-kooperazzjoni ta' bejniethom skont dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 3

### Applikazzjoni territorjali

L-applikazzjoni territorjali ta' dan il-Ftehim għandha tkun dik stabbilita fil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra.

## ARTIKOLU 4

### Iffirmar u applikazzjoni proviżorja

Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu.

## ARTIKOLU 5

### Dħul fis-seħħ u durata

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess.
2. Dan il-Ftehim għandu jidhul fis-seħħ fid-data li fiha ż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin permezz tal-kanali diplomatiċi li l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew konklużi.

3. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tibqa' fis-seħħ, sakemm ma jiġix itterminat minn waħda mill-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 6.

## ARTIKOLU 6

### Terminazzjoni

1. Kwalunkwe Parti tista' tittermina dan il-Ftehim fi kwalunkwe waqt permezz ta' avviż bil-miktub li jinforma lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li titterminah.

It-terminazzjoni għandha ssir effettiva sitt xhur wara d-data li fiha l-avviż bil-miktub ikun wasal għand id-destinatarju tiegħu.

2. Il-proġetti u l-attivitajiet li jkunu għaddejjin fil-waqt tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jissoktaw sakemm jitlestew skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet għandhom isolvu b'kunsens komuni kwalunkwe konsegwenza oħra tat-terminazzjoni.

## ARTIKOLU 7

### Soluzzjoni tat-tilwim

Il-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim prevista fl-Artikolu 86 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra għandha tapplika għat-tilwimiet kollha marbuta mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim għandu jiffassal b'kopji duplikati bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Frañċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż, bl-Iżvediż u bl-Għarbi, bit-testi kollha jkunu ugwalment awtentiċi.